# XI OPRI TAL-FIDDA FIL-KOLLEĠJATA TA' SAN PAWL, RABAT

*Kan. Ġwann Azzopardi Lic. D.*

Il-Knejjes tagħna, barra milli huma ċentri ta' qima lil Alla, huma wkoll mużewijiet fejn nistgħu nammiraw bosta opri sbieħ ta' arkitettura, pittura u skultura u xogħolijiet fl-irħam minn artisti Maltin u barranin li ħadmu f'pajjiżna. Fil-ġranet tal-festa, mbagħad, dawn il-knejjes ikomplu jiżżejnu b'opri prezzjużi ta' arti bħal fided u ta' artiġjanat bħal triehi u paramenti sagri b'rakkmu mill-ifjen.

Drabi oħra ktibt fuq opri ta' pitturi, skultura, rħam etċ.; illum se nsemmi xi opri maħduma mill-fidda, li forsi mhux daqshekk faċli li wieħed japprezzahom. Mhux qed nitkellem minn opri kbar u pjuttost reċenti bħal ġilandra u l-ventaltar ta' Corpus, kif ukoll il-mazza



*L-Isfera Barokka li toħroġ fil-Purċissjoni ta' Corpus. Din inħadmet mill-Arġentier Andrea Troisi fl-1754.*

tal-kapitlu iżda fuq xi opri oħra wisq eqdem li l-oriġini tagħhom u l-isem ta' l-arġentier li ħadimhom joħroġ biss minn qari bir-reqqa ta' dokumenti.




*Il-Boll tal-Arġintier Andrea Troisi li jinsab fuq l-Isfera tal-Parroċċa.*

Għidt biss fuq xi opri għax għal grazzja t'Alla il-knejjes tal-gżejjer tagħna huma arrikkiti minn opri wisq numerużi ta' fided: kalċijiet u pissidijiet, gandlieri u slaleb, bibien ta' tabernakli u ġilandri, baċiri u buqari, lampieri, ċnieser u navetti, satli u qniepen, impulluzzi u karti tal-glorja, messali u leġiji, lanterni u lasti tal-baldakkini, sarġentini u medaljuni, gwantieri u plattini u opri oħra. Xi drabi dawn huma donazzjonijiet ta' benefatturi għonja bħan-nobli Guzmana Navarra, l-fondatriċi tal-Knisja preżenti, u l-familja Manduca li diversi membri tagħha u l-aktar Mons. Salvatore u ħuh Dun Ġużepp kienu benefatturi kbar tagħha. Drabi oħra, iżda, dawn huma opri li saru mill-ġbir ta' nies aktarx foqra li fi żmienijiet ta' fidi aktar b'saħħitha kienu aktar kuntenti iżejnu b'opri tal-fided il-knejjes tagħna milli jgawduhom huma fi djarhom. Anki fl-istess knisja, kull prokura u kull konfraternita' kellha l-opri tagħha. Fil-Kolleġjata tagħna barra l-opri tal-Parroċċa stess għandna dawk tal-Konfraterniti tas-Sagrament, ta' S. Pawl, ta' San Mikiel, ta' S. Anna, tal-Kunċizzjoni eċċ. Hemm ukoll opri oħra li jappartenu lil xi knejjes filjali.

B'xorti tajba ma dawn irridu wkoll inżidu l-opri li l-Kolleġġjali, li tal-Grotta ta' San Pawl, mwaqqfa mill Granmastru Alof de Wignacourt, tul il-medda ta' 180 sena (1619-1798) għamlu għall-Grotta ta' San Pawl u l-Knisja ta' San Publiju li bnew fuqha. Dawn huma fost l-aktar prezzjużi u l-aktar dukumentati tajjeb.

Huwa ta' ġieh għal gżira żgħira bħal Malta li bosta minn uliedha kienu arġentiera ta' ħila għalkemm f'pajjiżna u fil-gżejjer tagħna hawn patrimonju kbir ta' opri ta' arġentiera barranin li jew ħadmu f'Malta l-aktar fi żmien il-Kavalieri ta' San Ġwann jew ix-xogħolijiet tagħhom inġiebu minn barra. Sallum fin-negozji tagħna għadhom jinbiegħu kwantitajiet ta' fided li jinxtraw mill-Ingilterra u pajjiżi oħra. Id-djar tal-familji nobbli u għonja u l-aktar dawk tal-Kavalieri kienu miżgħuda bil-fided, u hawn ta' min ifakkar li bosta mill-fided tal-kavalieri fl-1798 għaddew għand il-Maltin għax Napuljun ma tahomx ċans iġorruhom magħhom.

F'dan il-kontest, l-istudju biex jiġu indentifikati u valutati tajjeb l-opri ta' l-arġentiera Maltin jistħoqqlu kull inkuraġġiment u huwa biss dan l-aħħar li dan l-studju qed jiġi mogħti l-importanza li jixraqlu. L-iskop ta' dan l-artiklu qasir hu li permezz ta' xi dokumenti fl-arkivji tal-Kolleġġjata tagħna nitfgħu nitfa dawl ġdid fuq xi opri u arġentiera li ma joħorġux mill-marki ta' l-istess fided.

Il-Boll tal-konslu dak tal-arġintier.

Minħabba l-periklu ta' falsifikazzjoni u bħala protezzjoni għax-xerrej, il-gvernijiet ta' diversi pajjiżi minn kmieni ħasbu biex jorbtu lill-arġentiera billi jobbligawhom jimbollaw, jiġifieri jimmarkaw għand il-konsli uffiċċjali tal-pajjiż, il-fided li jaħdmu. L-eqdem marki dehru Pariġi fl-1275 u Londra fl-1300. Hemm żewġ tipi ta' boll, dak tal-konslu (assay mark) u dak ta' l-arġentier (maker's mark). F'pajjiżna il-boll tal-konslu daħal fl-1536 meta l-Kavalieri applikaw għal-pajjiżna l-istess leġislazzjoni li kellhom f'Rodi. Dawn il-marki jatu indikazzjoni tal-Granmastru, Gvernatur, jew l-istat ta' Malta Indipendenti jew Repubblika skond il-każ. Iżda l-boll ta' l-arġintier daħal biss fl-1715 u dan kien obligatorju biss għal oġġetti offerti għal bejgħ u mhux dawk għall-użu personali jew ta' donazzjoni. Dan ifisser li oġġetti fil-knejjes tagħna maħduma qabel l-1715 kif ukoll oġġetti li ma ġewx mixtrija ma ssibx fuqhom il-marka ta' min għamilhom, iżda tista tasal għalihom biss mid-dokumenti, bħal kuntratti, inventarji u reġistri tal-prokuraturi. Dokumenti ta' din ix-xorta huma wisq aktar abbondanti fil-knejjes tagħna milli huma fil-familji privati għax huma spejjeż li min ħallashom kellu wkoll jati sodisfazzjon lil sħabu u lil ta' warajh. Barra minn hekk ħafna drabi kemm il-kummissjonijiet ta' opri ġodda kif ukoll id-donazzjonijiet lill-knejjes kienu jsiru permezz ta' atti notarili li għadna nsibu fl-arkivji u dawn jiġbru dettalji ta' prezzijiet, piz, arġentiera eċċ. Barra minn hekk f'xi każi barra l-kontijiet imsemmija fil-knejjes ġieli jinżammu wkoll id-disinji oriġinali li jkunu saru, aktarx minn disinjatur ieħor, għal dawn l-istess opri u dan ikabbar l-interess fl-istudju ta' dawn l-opri u ta' min ħadimhom.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li anki wara l-1715, hemm diversi marki li għadhom maġewx identifikati biżżejjed, jew jista' jkun hemm l-istess żewġ inizjali għal aktar minn persuna waħda, u bis-saħħa tad-dokumenti li semmejna, wieħed jista jiċċara u jsir jaf sewwa min għamilhom.

F'pajjiżna, barra xi artikli iżolati, l-ewwel sforz għall-istudju tal-fidda Maltija sar mill-Kavalier Victor F. Denaro li fl-1972 ippublika għand Olshki ġo Firenze l-ktieb, illum rari, The Goldsmiths of Malta and their marks fejn ġabar ukoll il-marki ta' bosta arġentiera Maltin. Is-sena l-oħra (1992) dan l-istudju tkompla minn Jimmy Farruġia bil-ktieb Antique Maltese Domestic Silver, maħruġ minn Said International Ltd., fejn ukoll aġġorna l-lista ta' arġentiera Maltin u għollija għal numru ta' 1097 arġentier. Kif jidher mit-titlu


Un nuovo Ostensorio di peso lib.
Onde il mancamento

*Dokument li juri kemm ġiet imdewba fidda mill-Isfera ta' qabel u kemm intużat biex saret dik tal-lum*

dan il-ktieb ma' jinkludix opri fil-knejjes, iżda nittamaw b'ħerqa li dan ikun it-titlu tat-tieni ktieb u ta' min isemmi li Dr. Jimmy Farruġia diġa beda x-xogħol fuqhu u l-Kolleġġjata tagħna hi l-ewwel waħda li bbenefikat minn dan l-istudju b'inventarju li identifika l-marki kollha minquxa fuqhom. Iżda billi kif għidna ma ssibx marki fil-fidda l-antika u lanqas dejjem f'dik li ma saritx bi skop kummerċjali, jidhrilna li huwa ferm utli li jingħata tagħrif mid-dokumenti fejn dawn jeżistu. L-iskop ta' dan l-artiklu hu li jitfa' dawl fuq xi ftit mill-opri l-aktar importanti, li skond l-inventarju msemmi jew m'għandhom ebda boll, jew boll wieħed biss, jew boll dubjuż u problematiku.

## OPRI TAL-FIDDA FIL-PARROĊĊA

### Sfera tas-Sagrament.

Din l-isfera barokka fiha boll problematiku. Waqt li l-boll tal-Konslu hu dak ta' żmien il-Granmastru Pinto, bħala boll tal-arġentier għandha marka li tinsab ukoll fuq xi fided oħra Maltin iżda li s'issa għadha ma ġietx identifikata. (Ara J. Farruġia, inv. Rabat 101 u l-ktieb tiegħu paġ. 290/n.5)

B'xorti tajba fl-arkivji li jinsabu fil-Mużew tal-Katidral, hemm dokumentazzjoni l-aktar dettaljata ta' din l-isfera. Nafu li l-arġentier kien Andrea Troisi: li dan ħadem l-isfera fl-1754; li l-ħlas tagħha barra l-indoratura kien ta' skudi 211, tari 8, grani 10; li l-użin tagħha kien 7 libri u għaxar uqiji (illum żdiedu xi ħaġar); li biex saret il-ġdida, iddewwbet il-fidda ta' l-isfera ta' qabel li kella piż ta' 4 libri, 3 uqiji u sitt ottavi; li l-arġentier tħallas f'diversi drabi u jeżistu riċevuti għall-kull ħlas li rċieva; u li fl-aħħarnett din l-isfera ġiet indu-


Adì 7: 9bre 1756

Io infrascritto confesso d'aver ricevuto dal Rev.do Sig.r Don Giuseppe Baldachino scudi venti uno a conto della [illegible] dell'Venerabile [illegible] della parrochiale di San Paolo [illegible] dico — 21.

Gio: Andrea Troisi

*L-irċevuta iffirmata minn Troisi għax-xogħol li wettaq fl-Isfera.*

rata minn Pawlu Farruġia, b'mod li l-prezz totali inkluż id-deheb u x-xogħol ta' indoratura tela' għal skudi 268, tari 5, grani 10.

L-aktar ħaġa importanti hi li, a bażi ta' dan id-dokument, l-opri kollha tal-fidda li jġibu dan il-boll jistgħu issa jiġu identifikati bħala xogħol ta' l-arġentier Andrea Troisi. Lampieri tal-Knisja l-qadima.

Fost l-aktar opri qodma li għandna hemm żewġ lampieri tal-knisja ta' qabel din tallum li nbniet minn Guzmana Navarra. It-tnejn li huma jġibu skrizzjoni bl-isem tal-prokuraturi li kkummissjonawhom, l-armi tar-renjanti meta saru u xbihat jew episodji ta' qaddisin ċisellati fihom.

L-eqdem wieħed sar mill-ġbir tal-poplu fl-1613 fi żmien il-prokuraturi Oralando Bonello u Nardo Zopard (Azzopardi) u dan iġib l-armi ta' l-isqof Gargallo, l-Granmastru Alof de Wignacourt u dik ta' Malta. Il-ġrajjiet minquxa huma l-Konversjoni ta' San Pawl, in-Nawfraġju tiegħu u l-fejqan ta' missier Publiju. Fuq dan m'għandniex dokumentazzjoni għax l-eqdem reġistri ma jaslux sa dik is-sena. Marki tal-fidda ma fih xejn.

Iżda l-lampier l-ieħor hu dokumentat tajjeb. L-iskrizzjoni tiegħu tgħid "MATTEO AQUILINA ET DOMENICO GREG PROCURATORI 1644". L-armi mnaqqxa huma dawk ta' l-Ordni ta' San Ġwann, ta' l-isqof Balaguer u tal-Granmastru Lascaris. Hemm imnaqqxa l-figuri ta' San Pawl, San Pietru u Ostensorju. Hemm biss marka waħda, dik tal-konslu u din hi ukoll problematika. Din il-marka s'issa kienet instabet darba biss (Farruġia, paġ. 220, nru 15f) f'opra ta' żmien Caraffa iżda kien hemm ġa indikazzjoni li l-marka kienet ta' żmien eqdem. Wara li nstabet ma' l-arma ta' Lascaris u bid-data 1644 fil-lampier tar-Rabat issa nistgħu ngħidu b'ċertezza li dan il-boll hu ta' żmien Lascaris u mhux aktar ta' Caraffa. Boll ta' l-arġentier dan il-lampier ma fihx iżda b'xorti tajba għandna dokumentazzjoni sħiħa fuqu, għax fl-ewwel volum tal-kontijiet tal-knisja għandna mhux biss il-prezz li tħallas tiegħu, iżda wkoll referenża għall-kuntratt oriġinali li sar bejn il-prokuraturi msemmija u l-arġentier, li kien Mro Domenico Di Domenico li kien joqgħod il-Belt Valletta. Il-kuntratt sar għand in-nutar Gio Domenico Pace fit-23 ta'

Marzu 1644 u x-xogħol kellu jitlesta sa l-ewwel ta' Mejju. Il-prezz totali ma kellux jiskorri il-45 skud u tħallas f'darbtejn, 30 skud fil-bidu u 13 il-skud fis-16 ta' Ġunju b'irċevuta totali ta' 18 il-onċia. Dan il-lampier fil-knisja l-qadima kien destinat għall-altar tal-Konverzjoni u kellu jkun jixbah lill-lampier l-ieħor ta' l-istess Knisja (probabilment dak li diġa semmejna u li kien sar fl-1613).

### Bieba tat-Tabernaklu

Opra oħra żgħira imma sabiħa hija l-bieba tal-fidda tat-tabernaklu ta' l-altar il-qadim li llum jinsab fil-kappellun ta' San Stiefnu, altar magħmul minn irħamijiet l-aktar fini. Id-disinn ta' din il-bieba hu tassew fin u sabiħ, qisu biċċa rakkmu. Il-boll tal-konslu hu ta' żmien il-Granmastru Perellos iżda boll tal-arġentier ma fiħx (Farruġia, nru 164). Jirrispondina d-dokument tal-kontijiet ta' l-irħam ta' l-altar Maġġur (Vol. C126, f.184) li juri spiża totali ta' 521 skud fosthom ħlas ta' aktar minn 19 il-skud fidda għall pjanċa perforata tal-bieba tat-tabernaklu u ħlas ta' 14 il-skud għax-xogħol fin tagħha barra ħlas ta' skud u 8 tari għaċ-ċavetta tat-tabernaklu. L-orefice li ħadmu kien Filippo Vella.




*Il-Boll ta' żmien Lascaris li jinsab fuq il-Lampier tal-1644 li jinsab fil-Parroċċa.*



*Il-Lampier il-Kbir ta' San Publiju ordnat fl-1680 u maħdum mill-Argentier Dionisio Famucelli (Ritratt: C. Sammut)*

### Salib tal-Kleru

Mal-opri tal-parroċċa nsemmu biss is-salib tal-kleru regalat mit-tabib Giacomo Filippo Gauci, dak li bena minn flusu l-knisja preżenti ta' San Publiju, li fl-atti tan-nutar Ignazio Debono tas-16 ta' Marzu 1713 irregala lill-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl salib tal-kleru b'tifkira tal-qima li l-antenati tiegħu u hu dejjem kellhom lejn San Pawl Missierna. Il-lasta ta' dan is-salib hi magħmula minn seba' biċċiet waqt li taħt il-parti tas-salib bil-Kurċifiss hemm skrizzjoni miżmuma minn tlett anġli. Id-donatur għamel xi kundizzjonijiet marbuta ma din id-donazzjoni. Ħaġa waħda tonqos f'dan il-kuntratt: l-isem ta' l-arġentier.

### OPRI FIL-GROTTA TA' SAN PAWL

Meta l-Grotta ta' San Pawl għaddiet f'idejn l-Ordni ta' San Ġwann, il-Granmastru Alof de Wignacourt għamel fondazzjoni minn flusu għat-tawaqqif ta' kulleġġ ta' kappillani biex mid-dħul tiegħu dawn mhux biss iservu l-post iżda wkoll jarrikkuh b'opri. L-amministarazjoni għaqlija ta' din il-fondazzjoni flimkien ma' diversi għotjiet ġenerużi minn benefatturi għanew dan is-santwarju anki b'opri sbieħ tal-fidda, bħal gandlieri, lampieri eċċ. Fil-każ tal-grotta id-dokumentazzjoni hi wkoll aktar sħiħa u hemm ħafna atti notarili dettaljati għal xogħolijiet li saru. Hawn se nsemmi biss

żewġ oġġetti, il-lampieri tal-Grotta u l-isfera tas-Sagrament.

**Lampieri.**

Fil-Grotta isfel hemm tlett lampieri, tnejn quddiem l-altar ta' San Pawl u wieħed quddiem dak ta' San Luqa. Boll ta' l-arġentier ma fihomx u għalhekk l-unika fonti huma d-dokumenti. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidhru l-istess u taħseb li saru f'daqqa mill-istess arġentier. Iżda d-dokumenti juru li it-tnejn ta' San Pawl saru minn ċertu arġentier Luca Berti, joqgħod il-Belt (li s'issa għadu qatt ma kien issemma) fl-atti tan-nutar Aloisio dello Re tat-30 ta' Diċembru 1680 bi prezz ta' aktar minn 290 skud: 50 skud minnhom kienu ħlas tax-xogħol ta' l-arġentier.

Minn-naħa l-oħra il-lampier ta' quddiem San Luqa ġie kummissjonat ħmistax il-sena wara fl-atti tan-nutar Baldassare Vitale u preċiżament fit-8 ta' Ġunju 1695 lill-arġentier Gan Battista Mamo, bin Simone, mill-Belt,



*L-Isfera Barokka tal-Kulleġġ mogħtija mill-Gran Mastru Pinto f'Mejju 1747 xogħol ieħor ta' Gio. Andrea Troisi. (Ritratt E.D. Harinson*

kważi bl-istess prezz jiġifieri b'total ta' fuq 143 skudi li 25 minnhom huma tal-manifattura tiegħu. Ix-xbihat minquxa fl-ewwel żewġ lampieri juru lil San Pawl waqt li dan l-aħħar lampier juri lil San Luqa.

Semmejna d-data 30 ta' Diċembru 1680. F'dik l-istess data l-prokuratur Fra Ignatio Carceppo iffirma l-kuntratt għall-lampier il-kbir ta' San Pubbliju. Dan il-lampier fih boll tal-konslu u marka oħra li s'issa ma ġietx identifikata (Farruġia 138). Iżda l-kuntratt ta' dan il-lampier, fl-atti ta' l-istess Nutar Aloisio dello Re, juri li l-arġentier kien Dionisio Famuncelli li mal-lampier ħadem ukoll baċir tal-fidda ta' Franza u satla tal-fidda ta' l-Italja. Il-probabbilta' hi li l-boll mhux identifikat f'dan il-lampier hu l-boll ta' l-arġentier Dionisio Famuncelli li skond il-kuntratt kellu jaħdmu u skond l-irċevuti tħallas tiegħu.

**Sfera**

Nagħlqu din il-kitba billi nsemmu l-isfera barokka tal-Kulleġġ, b'dawk iż-żewġ anġli fissieq li qed jatu qima lill-Ewkaristija. Din ma ġġib l-ebda boll (Farruġia 102) iżda popolarment għadha magħrufa bħala l-isfera tal-Granmastru Pinto għax ġiet mogħtija minn dan il-Granmastru ġeneruż. Ta min ifakkar li Pinto arrikkixxa wkoll il-Grotta b'paramenti sagri u bl-istatwa ta' San Pawl tar-rħam li hemm fil-grotta.

Minn manuskritt djarju għas-snin 1748-1943 nafu li l-Granmastru Pinto għamel din id-donazzjoni f'Mejju ta' l-1747; li l-isfera tbierket u ntużat għall-ewwel darba mill-Kolleġġjali f'Corpus ta' l-istess sena; u li l-isfera hi opra tal-arġentier famus li jġib l-isem ta' GIO ANDREA. Dan m'hu ħadd ħlief Gio. Andrea Troisi li seba' snin wara ħadem ukoll l-isfera tal-Parroċċa.

**Għeluq**

Hemm wisq aktar fuqhiex wieħed jikteb dwar opri tal-fided, kieku wieħed isemmi l-kuntratti, donazzjonijiet, tiswijiet u tidwib ta' opri antiki biex isiru opri ġodda isbaħ. Opri ġodda kienu jsiru l-aktar wara li jkun sar tibdil arkitettoniku jew abbellimenti ġodda fil-knejjes. Iżda l-ispazju ma jippermettix u dan li għidna hu biżżejjed biex juri l-qima u l-għożża ta' l-antenati tagħna lejn il-Knisja u l-aktar lejn l-Ewkaristija.